



Dokument ta' sessjoni

B9-0210/2024

3.4.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 111(3) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tal-Kenja u n-Namibja fit-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tħassir ta' Barbados, Ġibiltà, il-Panama, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda minn dik it-tabella (C(2024)1754 – 2024/2688(DEA))

Jorge Buxadé Villalba
f'isem il-Grupp ECR

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tal-Kenja u n-Namibja fit-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tħassir ta' Barbados, Ġibiltà, il-Panama, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda minn dik it-tabella (C(2024)1754 – 2024/2688(DEA))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (C(2024)1754),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi², u b'mod partikolari l-Anness tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 111(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Ġibiltà ilha mis-snin 60 imniżżla fil-lista tan-Nazzjonijiet Uniti ta' territorji li għad ma għaddewx minn dekolonizzazzjoni;
- B. billi l-kolonja ta' Ġibiltà hija rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala ċentru finanzjarju offshore b'reġim ta' taxxa u b'regolamentazzjoni finanzjarja favorevoli li qanqal tħassib rigward l-użu tiegħu f'attivitajiet finanzjarji illeċiti li jirriżultaw f'distorsjoni gravi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE);
- C. billi t-trasparenza u l-kooperazzjoni internazzjonali huma elementi essenzjali għall-integrità tas-sistema finanzjarja globali u għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-finanzjament tat-terroriżmu;
- D. billi għad jeżisti tħassib rigward l-opaċità finanzjarja u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet finanzjarji illeċiti fil-kolonja ta' Ġibiltà li qed ikollhom riperkussjonijiet fiż-ŻEE kollha, b'mod partikolari fil-muniċipalitajiet tal-madwar;
- E. billi l-Artikoli 61 u 62 tad-Direttiva (UE) 2015/849 jenfasizzaw il-bżonn li jiġu identifikati u valutati r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu fid-diversi setturi u attivitajiet finanzjarji;
- F. billi, f'ċerti Stati Membri, il-kolonja ta' Ġibiltà hija mniżżla fil-lista ta' ġurisdizzjonijiet

¹ ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

² ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1.

li ma jikkooperawx;

- G. billi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ma jqisx b'mod adegwat it-theddid għas-sistema finanzjarja internazzjonali, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 u fir-regolamenti rilevanti l-oħra;
 - H. billi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ma jqisx il-konformità effettiva tal-kolonja ta' Ġibiltà mal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-finanzjament tat-terroriżmu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli rilevanti tad-Direttiva (UE);
 - I. billi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ma jinkoraġġix lill-gvern attwali tal-kolonja ta' Ġibiltà jieħu l-miżuri neċessarji biex jipproteġi l-integrità tas-sistema finanzjarja globali u jipprevjeni l-attivitajiet finanzjarji illeċiti, f'konformità mal-prinċipji u mal-oġettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ;
1. Joġġezzjona għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni u tinnotifikaha li r-Regolament Delegat ma jistax jidħol fis-seħħ;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta att delegat ġdid li ma jħassarx il-kolonja ta' Ġibiltà mit-tabella fil-punt I tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.